# Pietru Farrugia – bennej ewlieni f'Malta

**Prof. Raymond Mangion**
*BA (Communications Studies & Literature) (Melit.), BA (Hons.)(Aug.Inst.), MA (History) (Melit.), LL.D (Melit), D.Phil (Oxon.)*



Is-Siġġiewi huwa magħruf għal għadd kbir ta' nies ta' kalibru li twieldu jew għexu fih minn żmien għal żmien. Is-Siġġiwin li baqgħu jissemmew fi ġrajjiet artna ma jingħaddux. Huma jvarjaw minn dak tal-moħħ għal-dawk tal-id, minn dawk tal-ħsieb għal dawk tal-mastranza. Huwa tabilħaqq nuqqas, jekk mhux għelt, li s-Siġġiwin fakkru iktar lill-antenati tagħhom u lil missirijiethom tal-pinna milli dawk tas-sengħa.

Pietru Farrugia li kien mill-familja TA' PEZZIZILLA huwa wieħed mis-Siġġiwin li, għal raġunijiet mhux magħrufin għadu sal-lum mhux rikonoxxut għall-ħiliet straordinarji tiegħu fl-industrija tal-kostruzzjoni ta' binjiet kbar bħala huma knejjes, skejjel u villel li jagħmlu unur lill-wirt Malti fil-ħaġra u jpaxxu lil kulmin iħares lejhom u lejn l-użu tal-ġebla Maltija, sew Maltin sew barranin.

Pietru, li twieled is-Siġġiewi fis-17 ta' April, 1906, iben Toni u Anna xebba Saliba mill-familja TAL-PATRI, kien bennej ta' ħila mhux komuni u kien fdat ħafna fi żmien meta Malta kienet għaddejja minn taqlib kbir fi żmien ir-rikostruzzjoni ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945). Pietru reġa' bena u rranġa l-Knisja Arċipretali tal-Floriana, speċjalment il-koppla u s-saqaf wara li din kienet iġġarfet fl-aħħar Tieni Gwerra Dinjija. Pietru tella' mill-qiegħ il-knisja ta' Fatima ta' Gwardamanġia fis-snin il-ħamsinijiet.

Huwa ħadem fir-rikostruzzjoni tal-koppla tal-Knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu (1953). Huwa bena l-knisja ta' San Duminku l-Birgu (1953-1959). Huwa ħadem ukoll fil-bini tal-oratorju tal-knisja kolleġjali tal-Birgu fl-istess żmien. Huwa dam għoxrin sena jaħdem fil-Birgu. Huwa ħadem ukoll fil-Knisja tal-Erwieħ fil-Belt Valletta. Huwa ħadem ukoll fil-knisja ta' Ġesù Nazzarenu ta' tas-Sliema. Barra minn hekk, huwa kien imdaħħal fil-kostruzzjoni tal-Kulleġġ ta' San Albertu l-Kbir fil-Belt Valletta.

Pietru ngħaqad fiż-żwieġ ma' Kelina Aquilina mill-familja TA' MADLIEN. Kelina kienet mara tad-dar speċjalment għaliex hija u Pietru kienu ġabu fid-dinja bosta wlied – ħdax ħajjin b'kollox – u ħolqu familja sabiħa ferm, filwaqt li Kelina kienet mara li inkuraġġiet bil-bosta lill-Pietru fil-professjoni iebsa tiegħu. Pietru kien jagħmel minn kollox u kien lest ibati fil-professjoni tiegħu basta l-familja tiegħu tkun fuq l-idejn.

Pietru kien ħabib tal-qalb tas-Sur Karmenu Penza minn Ħal Tarxien li kien il-ġennien

u kuratur prinċipali tal-Ġonna tal-Argotti fil-Floriana. Pietru u l-mara tiegħu Kelina kienu qabdu lis-Sur Penza u l-mara tiegħu biex ikunu l-parrini ta' wieħed minn binhom.

Huwa kien raġel sew ħafna u kien jafda ħafna lill-ħaddiema tiegħu li kienu jirrispettawh ferm. Huwa ħadem ma' periti ta' rinomanza bħalma huwa l-perit England Sant Fournier.

Huwa miet fl-24 ta' Jannar, 1964, ta' 57 sena, u ndifen fiċ-ċimiterju tal-Karmnu fi Blat il-Qamar, is-Siġġiewi.

Huwa ta' għajb li s-Siġġiwin, l-iktar dawk li għandhom potravuċi, għadhom ma ħadux ħsieb li Pietru Farrugia jkollu għallinqas triq imsemmija għalih, ngħidu aħna, in-naħa ta' Blat il-Qamar fejn huwa kellu rabtiet familjari. Pietru Farrugia huwa figura nazzjonali li l-fama tiegħu tiżboq l-irjieħ tal-istess raħal twelidu u kulfejn jissemma ismu jissemma dak tas-Siġġiewi.




CARMEL FARRUGIA
TA' PALALES

Għal xogħlijiet ta' dawl, ilma u dranaġġ
Nagħmel ukoll xogħol ta' toqob ġol-konkos u planki bid-*Diamond Core Drill*

99448156

BEAUTIKA

Facial Treatments - Skin Rejuvination
Hair Removal (IPL / Waxing) - Manicure / Pedicure
Semi Permanant Eyebrow Tattooing
Diet and Nutrition - Reflexology

Opening Hours:
Tuesday & Friday: 9.00am - 6.00pm
Wednesday & Saturday: 9.00am - 1.00pm
Thursday: 1.00pm - 7.00pm
Appointments outside opening hours available on request

1, Triq John Debattista,
Siggiewi, SGW1793.
Tel: 2746 5248 - Mob:7982 7557
email: daniela.beautika@gmail.com